**7 ta' Novembru, 1960**
**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Prof. John J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt. (Rome), B.A. Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist. F. ne.

*versus*

Nutar Emmanuele Agius

**Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Manomorta — Art. 133(2) tal-Kap. 92 — Art. 5 tal-Kap. 2.**

*Għalkemm l-Liġi dwar il-Manomorta tikkommina, fost konsegwenzi oħra, is-sospensjoni tan-nutar mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, meta nutar jirċievi att ta' akkwist ta' art jew bini minn knisja jew istitut pju jew reliġjuż, u jonqos li jibgħat lill-Attorney General ċertifikat ta' dak it-trasferiment bid-dettalji u fiż-żmien li trid dik il-liġi, din id-dispożizzjoni ta' dik il-Liġi ma għadiex issehh; għaliex ġiet revokata, għal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tan-nutar, mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Notarili. U għalhekk il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili, meta kontra nutar li kkommetta dan in-nuqqas applikat il-piena tal-ammenda preskritta mill-Liġi tan-Nutari, u mhux is-sospensjoni t'egħu mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu kif tippreskrivi l-Liġi dwar il-Manomorta, mhux biss kienet awtorizzata li tagħmel hekk, imma għamlet dak li legalment kienet obligata tagħmel.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Kolleġġjali tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili tas-7 ta' April 1960, li biha

l-appellat, fuq il-kontravvenzjoni li naqas li jibgħat lill-Attorney General ċertifikat li jindika t-trasferiment magħmul bi bdil tal-Prebenda Parrokkjali tan-Naxxar fl-att tal-21 ta' Frar 1955, bi ksur tal-art. 5 tal-Kap. 2, ġie kundannat għall-ammenda ta' għaxar xelini (10s.);

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li tiġi riformata billi minflok jiġi dikjarat u deċiż illi l-piena applikabbli għall-każ hija dik kontemplata fl-art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta (Kap. 2), u għalhekk l-appellat jiġi sospiż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu għal dak iż-żmien li dik il-Qorti jidhrilha xieraq;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat**;

L-art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta (Kap. 2) jippreskrivi illi "il-partijiet interessati, jew in-naturi li jirċievu attijiet li bihom isir akkwist ta' art jew bini minn knejjes jew istituzzjonijiet oħra, piji jew reliġjużi, għandhom, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-data ta' dak l-att, jibgħatu lill-Attorney General ċertifikat iffirmat minn Nutar li jkun irċieva l-att, li għandu jkun fih speċifikat ix-xorta tal-att u l-art jew bini msemmijin fih; fin-nuqqas ta' dan, l-att u l-istess titoli jkunu nulli u bla ebda effett, u n-nutar jiġi sospiż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu";

It-teżi tal-Attorney General hija illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili kienet obligata, ladarba sabet lill-appellat ħati tal-kontravvenzjoni, li tapplika dik il-piena tas-sospensjoni;

Din il-Qorti, wara li pponderat bir-reqqa, hi ta' fehma li din it-teżi ma tistgħax tiġi aċċettata;

Il-Qorti tar-Reviżjoni applikat kontra l-appellat il-piena tal-ammenda ta' għaxar xelini (10s.) kontemplata fl-art 133(2) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Ar-

kivji Notarili (Kap. 92), wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, skond l-art. 142 tal-istess Att;

Il-kwistjoni hija jekk dik il-Qorti tar-Reviżjoni setgħetx tapplika dik il-piena provvduta f'dak l-Att jew inkella kienetx obligata li tapplika, weħedha jew b'żieda ma' dik il-piena, is-sospensjoni kontemplata, kif ġa ntqal, fil-liġi dwar il-Manomorta;

Skond is-subart. (2) tal-art. 130 tal-Att fuq imsemmi, il pieni dixxiplinari preskritti f'dik il-liġi kontra n-nutari li jonqsu mid-dmirijiet tagħhom, "shall be awarded independently of any other punishment imposed by any other law". Iżda dan, manifestament, jippostula illi "dik il-liġi l-oħra" hija in vigore. Fil-każ, preżenti, din il-Qorti hi ta' fehma illi l-imsemmi art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta, in kwantu jippreskrivi l-piena tas-sospensjoni kontra n-nutar, fil-każ ta' nuqqas tal-avviż hemm imsemmi, ma għadux fisseħħ, imma ġie revokat bl-imsemmi Att;

Obligu li, għal dik li hi s-sostanza rilevanti tiegħu, hu identiku għal dak li kien impost lin-nutar fil-liġi tal-Manomorta (art. 5). ġie ri-impost fuq in-nutar bl-art. 51 tal-Att dwar in-Nutari. Infatti, dan l-artikolu jirrikjedi illi kull nutar għandu, fi żmien ħmistax il-ġurnata mir-riċezzjoni tal-att fost il-ħajjin, jew mill-ftuħ ta' testment sigriet, li jkun fih trasferiment ta' beni stabili favur ta' knisja jew istituzzjoni oħra pija jew reliġjuża, jagħti nota ta' dak it-trasferiment lill-Attorney General. Huwa veru illi, a differenza tal-art. 5 tal-liġi tal-Manomorta, ma jistgħax jingħad illi din in-nota trid tkun iffirmata minn nutar. u lanqas x'irid jkun fiha; iżda hu evidenti illi l-istess dettalji, mix-xorta tagħhom stess, japplikaw ukoll għan-nota preskritta fl-imsemmi art. 51 tal-Att dwar in-Nutari;

Il-ksur tal-obligu mpost lin-nutar b'dan l-art. 51 jikkostitwixxi kontravvenzjoni li għaliha ma ġietx preskritta piena speċjali fl-istess Att, imma li taqa' taħt id-dispożizzjoni residwali tas-subart. (2) tal-art. 133. ċjoè hi kompriża fost il-kontravvenzjonijiet li għalihom hi preskritta l-

piena tal-ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar xelini (10s.);

Ta' spiss tinqala' l-kwistjoni jekk il-mod li bih materja hija trattata b'liġi posterjuri jurix l-intenzjoni tal-leġislatur li jagħmel biss emenda jew żieda fill-liġi eżistenti, jew pjuttost li jittratta dik il-materja "ex novo", b'manjiera li jagħmel "tabula rasa" mill-liġi qabel eżistenti. Dan jiġri, per eżempju, meta l-liġi posterjuri tittratta mill-ġdid fuq kontravvenzjonijiet ġa eżistenti, mingħajr ma ssir riferenza espressa għall-liġi anterjuri dwarhom. Fl-Ingilterra jidher li ġie stabbilit, bħala prinċipju ġenerali, "that if a later statute again describes an offence created by a former one, and affixes a different punishment to it, varying the procedure — giving, for instance, an appeal where there was no appeal before — the earlier statute is impliedly repealed by it" (Maxwell, On Interpretation of Statutes, 10th edition, p. 188; Beal's "General Rules of Legal Interpretation", 3rd edition, p. 508);

Fil-fehma tal-Qorti, dan japplika fil-każ preżenti. Kif ġa ntqal, l-art. 51, kombinat mal-art. 133(2) tal-Att dwar in-Nutari, jippreskrivi l-identika kontravvenzjoni — għal dak li jirrigwarda n-nutar — kontemplata fl-art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta. Il-piena stabbilita fil-liġi posterjuri hija differenti. B'din il-liġi ġie kreat tribunal speċjali, u ġiet preskritta proċedura speċjali, għall-konjizzjoni ta' kontravvenzjonijiet kommessi minn nutari fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom u għall-punizzjoni ta' dawn il-kontravvenzjonijiet b'pieni dixxiplinari. Għalhekk għandu jitqies illi din il-liġi posterjuri fuq dan il-punt irrevokat il-liġi anterjuri;

Dan jingħad anki kieku biss kellhom jiġu applikati għall-każ preżenti l-prinċipji ta' nterpretazzjoni li japplikaw għad dak li jissejjaħ "repeal by implication" f'każ ta' liġijiet penali. Iżda l-argument favur it-teżi abbraċċjata mill-Qorti hu wisq aktar qawwi fil-każ preżenti, in vista tal-art. 149(2) tal-Att in kwistjoni, li jgħid:— "Every other law or custom contrary to or inconsistent with the provision of this Act is repealed". Bħala regola, ir-"repeal

by implication" mhux favorit, u ma jiġix applikat, ammenokkè mhux inevitabbli. Iżda, "where a statute contemplates in express terms that its enactments will repeal earlier Acts by their inconsistency with them, the chief argument or objection against repeal by implication is removed, and the earlier Acts may be more readily treated as repealed" (Maxwell, op. cit., p. 167, 168). Hawnhekk, kif ġa ntqal, għandna d-dispożizzjoni espressa tal-imsemmi art. 149(2), u in kwantu għall-kontravvenzjoni tannutar li jonqos li jibgħat avviż lill-Attorney General ġiet preskritta l-piena tal-ammenda. Id-dispożizzjoni tal-art. 5 tal-liġi tal-Manomorta in kwantu tippreskrivi għall-istess nuqqas il-piena tas-sospensjoni, saret inkonsistenti, u għandha titqies revokata bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni tal-Att;

Għalhekk, il-Qorti tar-Reviżjoni kienet mhux biss awtorizzata li tapplika fil-każ preżenti d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, iżda anzi kienet legalment obligata li tagħmel dan;

Il-Qorti tapprezza li b'dan il-mod ser ikun hemm anomalija ċara fil-liġi; fis-sens illi, fil-waqt illi għan-nuqqas tan-natur li jagħti d-debitu avviż rigward attijiet kolpiti bil-liġi tal-manomorta, il-piena massima hi ammenda ta' għaxar xelini (10s), bl-emenda li saret fl-art. 7 tal-liġi tal-Manomorta bl-Att VI tal-1948, għan-nutar li jinqos jagħti avviż ta' attijiet dwar stabili eżenti minn dik il-liġi hemm preskritta penali, li titħallas bħala dejn ċivili, ta' mhux anqas minn £5 u mhux iżjed minn £25 għal kull att; iżda din hi anomalija li tista' tiġi rimedjata biss b'liġi, u ma twaqqgħax sa dan it-tant il-konklużjoni li waslet fiha l-Qorti kif jingħad aktar il-fuq;

Fl-aħħarnett, il-fatt illi d-dispożizzjoni tal-art. 5 tal-liġi dwar il-Manomorta għadha, anki fir-"Revised Edition", tikkontjeni l-piena għar-rigward tal-kontravvenzjoni ta' nutar, ma jfisserx minnu nnifsu illi dik il-parti ta' dik id-dispożizzjoni għadha fis-seħħ; u dan għaliex il-Kummissarju, skond l-Att l-art. 4(1) (a) tal-Ordinanza XXVI tal-1936, kellu biss is-setgħat li jħalli barra dawk il-liġijiet li

kienu espressament revokati, jew li kien għalaq iż-żmien tagħhom, jew li kien spiċċa l-iskop tagħhom, jew li kellhom l-effett tagħhom, ċjoè, evidentement, liġijiet li minnhom infushom kienu ta' natura temporanea;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-Attorney General u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu.